

3) Fil-każ li tingħata risposta fin-negattiv għall-ewwel domanda:

L-obbligu tal-fornituri jew tal-bejgiegħa mill-ġdid ta' prodotti kkonċernati mill-ittikkettjar tal-enerġija li jirreferu, fir-reklamar tagħhom, għall-klassi ta' effiċjenza enerġetika u għall-firxa ta' klassijiet ta' effiċjenza enerġetika, huwa, f'dan ir-rigward, għal kollox sospiż sad-dħul fis-seħħ tal-atti delegati l-ġodda?

(¹) ĠU 2017, L 198, p. 1.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Satversmes tiesa (il-Latvja) fit-12 ta' Diċembru 2022 –
1Dream OÜ, DS, DL, VS, JG vs Latvijas Republikas Saeima**

(Kawża C-767/22)

(2023/C 94/25)

Lingwa tal-kawża: il-Latvjan

Qorti tar-rinviju

Satversmes tiesa

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti quddiem il-Qorti Kostituzzjonali: 1Dream OÜ, DS, DL, VS, JG

Konvenut: Latvijas Republikas Saeima.

Domandi preliminari

- 1) Leġislazzjoni nazzjonali li abbażi tagħha qorti nazzjonali tiddeċiedi dwar il-konfiska ta' oġġetti miksuba illegalment fi proċedura separata relatata ma' tali oġġetti miksuba illegalment, li tiġi sseparata mill-proċedura kriminali prinċipali qabel ma jiġi aċċertat li twestaq reat u qabel ma persuna tiġi ddikjarata ħatja ta' dan ir-reat, u li tipprevedi anki l-konfiska abbażi ta' dokumentazzjoni separata mill-fajl tal-investigazzjoni tal-proċedura kriminali taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2014/42/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-iffriżar u l-konfiska ta' mezzi strumentali u r-rikavat minn attività kriminali fl-Unjoni Ewropea (¹), b'mod partikolari tal-Artikolu 4 tagħha, u tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2005/212/ĠAI tal-24 ta' Frar 2005 dwar il-Konfiska ta' Rikavati, Mezzi Strumentali u Proprietà Konnessi mal-Kriminalità (²), b'mod partikolari tal-Artikolu 2 tagħha?
- 2) Fil-każ ta' risposta affermativa għall-ewwel domanda, il-leġislazzjoni dwar l-aċċess għad-dokumentazzjoni dwar l-investigazzjoni fil-proċedura dwar l-oġġetti miksuba illegalment għandha titqies konformi mad-dritt għal proċess ekwu sanċit fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u fl-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 2014/42?
- 3) Il-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi qorti kostituzzjonali ta' Stat Membru, adita b'rikors kostituzzjonali mibdi kontra leġislazzjoni nazzjonali ddikjarata inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni, milli tiddikjara li huwa applikabbli l-prinċipju ta' ċertezza legali u li l-effetti ġuridiċi ta' tali leġislazzjoni għandhom jinżammu għall-perijodu ta' validità ta' din tal-aħħar?

(¹) ĠU 2014, L 127, p. 39, rettifika fil-ĠU 2014, L 138, p. 114.

(²) ĠU 2005, L 68, p. 49.

Rikors ippreżentat fis-16 ta' Diċembru 2022 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Portugiża

(Kawża C-768/22)

(2023/C 94/26)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

Partijiet

Rikorrent: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: L. Armati, P. Caro de Sousa, aġenti)

Konvenut: Ir-Repubblika Portugiża